# Beati u Qaddisin....Ottubru

**Beatu Salvatore (Salvador) Mollar Ventura**

**27 ta' Ottubru**

Salvador Mollar Ventura twieled fis-27 ta' Marzu gewwa Manises hdejn Valencia fi Spanja u kien mghammed jumejn biss wara twelidu bl-isem ta' Juan Bautista.



Il-familja tieghu kienet wahda fqira, umli u semplici, imma profondament nisranija. Missieru kien jahdem bla heda biex isostni l-familja, imma l-faqar li fih kienu jghixu Salvador seta' biss jattendi sal-livell primarju. In-nuqqas ta' flus impedewh li jkompli jiehu edukazzjoni aktar gholja.

Qabel ma dahal fl-ordni Frangiskan huwa kien involut f'hafna fix-xoghol tal-parrocca tieghu. Kien jippartecipa fl-Adorazzjoni ta' bil-lejl, kien jghallem il-katekizmu kull nhar ta' Hadd u kien jirrecita r-Ruzarju mat-tfal li kien jghallem.

Meta kellu 25 sena talab biex jilqghuh bhala ajk u mhux bhala patri fost il-Patrijiet Minuri. Fl-20 ta' Jannar tas-sena 1921 hu ha l-ilbies ta' patri ajk gewwa l-kunvent ta' Santo Spirito del Monte gewwa Valencia u mbaghad huwa pprofessa b'mod semplici sena wara biex fil-25 ta' Jannar tas-sena 1925 huwa ghamel il-professjoni tieghu solenni. Huwa kien jghix kwazi dejjem fil-kunventi ta' Santo Spirito u Benisa fejn kien appuntat sagristan, liema dover huwa kien jaqdi bl-akbar reqqa u devozzjoni.

L-ajk Salvador kien maghruf hafna ghal umilta' kbira , spirtu ta' sagrificcju u ubbidjenza li kellu. Dejjem kien ferhan u rassenjat ghal kull kuntrarju li jigi fuqu. Ma kienx jonqos li kull opportunita li kien ikollu kien jitkellem fuq ir-rieda ta' Alla.

Meta faqqet il-gwerra civili spanjola huwa kellu jitlaq mill-kunvent ta' Benisa u jsib kenn ghand bosta benefatturi u biex ma jgibx fl-inkwiet lill- familja li kienet qed tospitah huwa sab kenn iehor ghand familja gewwa Manises.

Hawn fit-13 ta' Ottubru tas-sena 1936 gie maqbud u maqful fil-kunvent tal-Karmelitrani nisa f'Manises li kien mibdul f'habs. Kien xkubettjat mal-lejl ta' bejn is-27 u 28 ta' Ottubru tas-sena 1936 mill-ghedewwa ta' Kristjanezmu gewwa Picadero de Paterna hdejn Valencia flimkiem ma' tlett hutu ohra Frangiskani.

Il-Papa Gwann Pawlu II ibbeatifikah flimkien ma 233 martri ohra tal-persekuzzjoni fil-11 ta'Marzu tas-sena 2001.